**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Salvatore Ruscica**

Numru: 67/2014

Illum 8 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Salvatore Ruscica,** ta' sitta u tletin (36) sena, imwieled l-Italja, fit-2 ta' Gunju 1977, residenti fil-fond 10, 'Josmar', Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 54295A, akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju 2013, ghall-habta ta' 3.45p.m. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Hyundai Getz, bin-numru tar-registrazzjoni CBO591, fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex;

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, habat ma' mutur tal-ghamla Honda FMC 650 bin-numru tar-registrazzjoni CBR535 u involuntarjamanet ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Louis Stellini skont ma' ccertifikat Dr. J. Vella M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Hyundai Getz, bin-numru tar-registrazzjoni CBO 591, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Hyundai Getz, bin-numru tar-registrazzjoni CBO 591 b'velocita' eccessiva;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi involontarjament ikkaguna hsara fuq il-mutur tal-ghamla Honda FMC 650 bin-numru tar-registrazzjoni CBR535 u dan ai dannu ta' Charles Louis Stellini u/jew persuni ohra.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat f'kaz ta' htija jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li hu xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 93 u 94) datata 20 ta' Novembru 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat Salvatore Ruscica biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikolu 127(1) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 96 u 97), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Novembru 2015, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi fit-22 ta' Settembru 2016, il-*parte civile* pprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat illi d-Difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-12 ta' Ottubru 2016.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**IL-FATTI**

Dan il-kaz imur lura ghat-12 ta' Lulju 2013 meta ghall-habta ta' 3.45p.m. sehh incident stradali fejn kienu involuti l-imputat li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni CBO 591 fi Triq Borg, Gharib Ghajnsielem, Ghawdex

u l-*parte civile* Charles Louis Stellini li kien qieghed isuq il-mutur tal-ghamla Honda FMC 650 bin-numru tar-registrazzjoni CBR535. Stellini soffra feriti ta' natura gravi. It-triq fejn sehh l-incident hija dik li tiehdok mill-Qala lejn Ix-Xewkija fuq in-naha ta' barra tar-rahal ta' Ghajnsielem. L-imputat kien qieghed isuq fit-triq ewlenija waqt li l-*parte civile* kien ghadu kemm hareg minn Triq Simirat, Ghajnsielem, sejjer fid-direzzjoni tax-Xewkija.

**PRELIMINARI**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz u tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u**

**ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il- **Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu disa' (9) xhieda kif gej:

***<u>Fis-7 ta' Jannar 2015</u>***

*Dr. Joseph Vella M.D. (a* fol. *13 et seq.), PS559 Jason Spiteri (a* fol. *16 et seq.), Francis Rapa (a* fol. *28 et seq.).*

***<u>Fit-13 ta' Mejju 2015</u>***

*John Abela (a* fol. *49 et seq.).*

***<u>Fl-24 ta' Gunju 2015</u>***

*Charles Louis Stellini (a* fol. *57 et seq.).*

***<u>Fid-29 ta' Ottubru 2015</u>***

*L-Ispettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *74), Charles Louis Stellini (a* fol. *76 et seq.).*

***<u>Fis-16 ta' Dicembru 2015</u>***

*Mr. Raymond Aquilina (a* fol. *98 et seq.).*

***<u>Fl-1 ta' Gunju 2016</u>***

*L-imputat Salvatore Ruscica (a* fol. *104 et seq.).*

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI: L-AKKUZI**

Il-bazi tal-ewwel imputazzjoni huma l-artikolu 225 (1), u 226(1)(b) tal-Kap. 9 li jipprovdi li :

*"225 (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

*...*

*226. (1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*

*...*

*(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)".*

L-elementi rikjesti minn dawn l-artikoli sabiex tissussisti din l-offiza huma:-

(i) Azzjoni li ssir b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti;

(ii) Jikkaguna mewt/feriti gravi
(iii) fuq persuna.

Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih giet ikkagunata offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Louis Stellini sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti da parti tal-imputat.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li tipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha '*colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha '*colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- *"L'inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u dan bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Louis Stellini.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza magistrali tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, B.E. & A.A.&C.E.** *(04.02.1961 – Kollez. XLV.iv.870)* moghtija mill-Imhallef J. Flores, sentenza klassika li giet citata mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi okkazjonijiet. Fiha ntqal hekk dwar ir-reat involontarju:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita` minn event dannus involontarju;*
>
> *"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana*

*identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe`, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46);"*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale (Giuffre`, 1997, 14° ed., p. 364), jghid hekk:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita` del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto.*

*Dicesi conseguenza prevedibile, perche` l'essenza della colpa sta nella prevedibilita`."*

Illi din l-akkuza tittratta r-reat li involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Louis Stellini, ossia l-fatt illi bin-non-kuranza jew non-osservanza tar-regolamenti, bin-nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, l-imputat ikkaguna griehi gravi f'dan l-incident. Fi kliem iehor ma hux ipotezzat reat fejn hu mehtieg il dolo, izda l-fatt illi l-imputat agixxa b'mod li bih seta' jobsor (meta fil-fatt ma basarx) illi bl-agir tieghu kien ser johloq is-sinistru. It-test f'dan il-kaz huwa jekk l-imputat meta kien qieghed isuq fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex, agixxiex *qua bonus pater familias* jew le. Jekk kien qieghed jagixxi b'dan il-mod, wiehed irid jasal ghall-konkluzjoni illi l-incident sehh minhabba raguni accidentali li ma setghat qatt u bl-ebda mod tigi evitata. Izda dak li jigi ipotezzat f'dawn ic-cirkostanzi huma ohrajn: illi minghajr il-hsieb li jikkawza dan l-incident, huwa naqas milli jagixxi bhala *bonus paterfamilias*, u proprju minhabba din in-non-kuranza ikkawza l-incident de quo.

Fil-fatt dwar x'tip ta' diligenza ried jezercita l-imputat, **Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** jghidu:

*"The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that who is extraordinary but that which is reasonable, that is, that diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[1] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano

[1] App Nru 192/08

jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'mohhu bniedem ta' intelligenza ordinarja:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> > **Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [2]:**
> >
> > > **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said**

[2] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

> **to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[3]**

**U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[4] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

> **"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[5] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

---

[3] Para. 7.28, pp. 232-233.
[4] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[5] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."**[6]

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In

[6] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa′ dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta′ tal-att, in-nuqqas ta′ previzjoni tal-effetti dannuzi ta′ dak l-att u l-possibilta′ ta′ previzjoni ta′ dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kinux prevedibbli, hlief b′diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista′ ggib *culpa levissima* li ma hix inkriminabbli, ma hemmx htija (vide Il-**Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta′ Dicembru 1958 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali).

X′inhu l-obbligu tas-sewwieq tal-vettura fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f′kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta′ nuqqas ta′ hsieb, jew ta′ traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-feriti gravi tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe′ li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide Il-**Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta′ Novembru 1949 mill-Qorti ta′ l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta′ xi nuqqas ta′ hsieb jew traskuragni jew ta′ nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti.

**Is-sorpass**

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza : **Pulizija vs Adrian Busuttil**, deciza fil-11 ta' Frar 2011, qalet :

> *"Huwa principju ben stabbilit li manuvra ta' sorpass hija manuvra li wiehed irid jezercita b'kawtela kbira u li wiehed ma ghandu qatt jeffetwa manuvra ta' sorpass at a junction kif fil-fatt ghamel is-sewwieq tal-mutur."*

Hija regola bazika tas-sewqan li sewwieq qatt ma ghandu jittenta jaghmel manuvra ta' sorpass qabel ma jaccerta ruhu li mhux ser jikreja periklu jew ostakolu lill-utenti ohra tat-triq.

Ir-regolamenti tat-traffiku huma cari b'mod specjali b'referenza ghall-kodici tat-traffiku fit-triq f'dak li ghandu x'jaqsam ma' *overtaking.* Fi klawsoli 181, 183, 184 u 185 hemm indikat car kemm sewwieq ghandu jqis ir-riskju meta jigi biex jaqla' vettura ohra u cioe' l-periklu u l-hsara li tista' tigi kkawzata u ghalhekk gwidi ta' x'ghandu u x'ma ghandux jaghmel.

> ***181.*** *Qatt taqla' vettura ohra qabel MA TKUN CERT li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor. Oqghod attent specjalment meta jkun qed jidlam jew ikun hemm ic-cpar, ghax huwa difficli hafna li tikkalkula l-velocita' jew id-distanza.*
>
> ***183.*** *Qabel ma taqla' ghamel is-sinjal xieraq, zomm distanza tajba izda mhux eccessiva mill-vettura li tkun qed taqla' u hu postok fil-moghdija, jew naha tat-triq adattata, kemm jista' jkun malajr wara li tkun qlajt. Tidholx f'daqqa quddiem il-vettura li tkun ghadek kemm qlajt.*
>
> ***184.*** *TAQLAX VETTURI OHRA meta tkun qed tavvicina:*

- *post ta' qsim ghall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
- *triq li taghqad m'ohra;*
- *kantuniera jew liwja iebsa;*
- *il-quccata ta' gholja; post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerga' joghla f'daqqa.*

***185.*** *TAQLAX VETTURI OHRA*

- *fejn it-triq tidjieq;*
- *meta biex taghmel hekk iggieghel vettura ohra tohrog minn triqitha jew tnaqqas il-velocita';*
- *meta ma jkunx hemm spazju bizzejjed u fejn il-vizibilita' ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu;*
- *meta jkun hemm hafna vetturi wara xulxin quddiemek jew xi vettura li hi stess tkun diga' qed taqla' jew li meta taqla' vettura ohra jkun perikoluz jew diffikultuz ghal dak il-hin.*

Section 38 tar-**Road Traffic Act** 1988 tar-Renju Unit jghid hekk dwar il-*Highway Code* :

> *(7) A failure on the part of a person to observe a provision of the Highway Code shall not of itself render that person liable to criminal proceedings of any kind but any such failure may in any proceedings (whether civil or criminal, and including proceedings for an offence under the Traffic Acts, the Public Passenger Vehicles Act 1981 or sections 18 to 23 of the Transport Act 1985) be relied upon by any party to the proceedings as tending to establish or negative any liability which is in question in those proceedings.*

Huwa ben risaput illi qabel jesegwixxi manura ta' sorpass, sewwieq ghandu jkun cert illi l-manuvra qed issir fil-mument opportun, jigifieri li jkun jista' jilhaq ibattal il-karreggjata ghal min gej fid-direzzjoni opposta. Fl-istess waqt irid ikun ukoll cert illi hu u diehel

lura f'postu, ma jkun ta' ebda periklu ghall-vettura li jkun issorpassa.

> "*Min ikun qieghed isuq karozza m'ghandux jaghmel il-manuvra ta' overtaking minghajr ma jkun safe li ssir dik il-manuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn zmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju zejjed, dik il-manuvra hija hazina* (Appell Kriminali: **Pul. vs T. Meilak**, Kollez. Vol. 33.IV.723). *Ir-responsabilita' li l-manuvra ta' sorpass tkun tajba – tant ghall-post, kemm ghall-hin kif ukoll ghall-ezekuzzjoni taghha – hija ghal kollox fuq id-driver li ser jaghmel is-sorpass.* [**Genovese vs Wells** 27.6.72]."

Ghalhekk kull *driver* irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom. Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali. Il-Qorti fis-sentenza : **Hugh Zammit noe vs Keith Farrugia** (28.06.2001) f'materja ta' sorpass qalet hekk:

> *"f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti".*

Meta wiehed jaghmel sorpass dan ghandu jiehu ir-responsabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, tant li f'certu cirkostanzi fuq elenkati fil-**Highway Code**, u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li

tigi ttentata l-istess manuvra. Fil-fatt f'kaz ta' dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli. Gie deciz fis-sentenza : **Pulizija vs Mario Noel Grech** (Appell Kriminali, 29 ta' Marzu 2004) :

> *"Il-manuvra ta' sorpass effettivament hi manuvra delikata u ghandha ssir bil-prudenza mehtiega u biss meta s-sewwieq li jixtieq jeffettwa tali manuvra jkun assigura ruhu li jista' jaghmel hekk minghajr dannu jew periklu ghalih innifsu u ghal haddiehor."*

Ghal dik li hi kawzalita' hi rilevanti l-osservazzjoni li ghamel Lord Reid :-

> *"One may find that as a matter of history several people have been at fault and that if any one of them had acted properly the accident would not have happened, but that does not mean that the accident must be regarded as having been caused by the faults of all of them. One must discriminate between those faults which must be discarded as being too remote and those which must not.*
>
> *Sometimes it is proper to discard all but one and to regard that one as the sole cause, but in other cases it is proper to regard two or more as having jointly caused the accident. I doubt whether any test can be applied generally."* (**Stapley v. Gypsum Mines Ltd** – 1953) [*Charlesworth & Percy on Negligence,* R.A. Percy 8 Edition, Sweet & Maxwell (1990) p. 390].

**Side road user**

Dan l-inċident seħħ bejn il-vettura Honda misjuqa mill-imputat fi triq prinċipali, Triq Borg Għarib, konsistenti minn triq arterjali li mir-Rabat tieħu għall-Qala, preċiżament fejn, f'din it-triq, tiżbokka

Triq Simirat. L-għaqda (*junction)* bejn dawn iż-żewġ toroq hija f'forma ta' "T-Junction". Il-mutur misjuq mill-parti ċivile kien qed jinsaq minn Triq Simirat u żbokka fi Triq Borg Għarib, mentri l-esponenti kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fit-triq prinċipali mid-direzzjoni tar-Rabat lejn il-Qala.

F'dan ir-rigward, l-artikolu 213 tal-kodici għat-traffiku fit-triq jiddisponi li:

> *'f'salib it-toroq jew għaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fih, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali.'*

L-Imhallef Joe Galea Debono hallielna wirt shih fejn jidhlu doveri tas-sewwieqa u dawk kollha li juzaw it-toroq. Fid-decizjoni tal-Appell Kriminali Il-**Pulizija vs Natasha Mohnani**[7] deciza fil-11 ta' Lulju, 2002 jispjega dwar tlitt doveri li ghandu *side road user* qabel johrog fit-triq ewlenija:

> *"1. dak li tieqaf kompletament biex tesplora it-through road U TIBQA' WIEQFA sa kemm tkun certa li tista' tinvadiha ; 2. li izzomm kemm jista' jkun lejn ix-xellug tal-bokka wiesgha tal-junction u 'l gewwa mill-linja tat-triq biex b'hekk ikollha l-ahjar vizwali possibbli bla ma tintralcja fuq il-flow tat-traffiku transitanti fuq it-through road ; u 3. li izzomm "a proper lookout" ghal traffiku gej miz-zewg nahat , partikolarment ghal traffiku gej minn fuq il-lemin taghha."*

Fil-kawża : **Il-Pulizija vs Pawlu Borg** (Kollez. Vol.XXXVI.i. 797) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

> *"għalkemm driver għandu joqgħod dejjem attent sia jekk ikun fi triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huma nitriwittiv, u hu principju affermat f'diversi deċiżjonijiet tal-*

[7] Appell Nru. 75/2001

*Qrati Inglizi illi d-driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta, minn triq ohra għandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, għas-semplici raguni li jkun sejjer jaqsam l-'***i***stream of traffic' li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli għad-dritt, ma jkunx sejjer ifixkel lil hadd."*

Għalhekk b'mod generali d-dover tas-sewwieq li jkun sejjer jaqsam triq principali u jiddisturba l-kors normali tat-traffiku għandu grad ta' attenzjoni ferm aktar għoli minn dak is-sewwieq li jkun għaddej fuq triq principali fejn allura s-sewwieq fit-triq sekondarja għandu l-obbligu u l-kompitu` illi jaccerta ruhu li jkun jista` johrog mit-triq sekondarja mingħajr perikolu u tfixkil għall-utenti l-ohra.

Fil-kawża : **Il-Pulizija vs Anthony Galea** (Kollez. Vol. XXXVII.iv.137) fejn ikkwotat is-sentenza Ingliza **McNair vs Glasgow Corporation** fejn intqal:

*"the duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoevre is the greater the duty incumbed on the driver. In the sense therefore, the turning out of a side road onto a major road the side's road driver obbligation is higher."*

Gie ukoll ritenut li s-*side road user* ghandu dritt li jaqsam gol-*main road* meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. **Pul. vs. Nazzareno Borg** , 12.11.1960 ) u li *side road user* irid jidhol go *main road* bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux. (App. Krim. **Pul. vs. Giuseppe Galdes**, , Vol. XXXVII , iv. p. 1108).

**Negligenza kontributorja**

F'dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta n-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f'dan is-sens jikkomenta anke l-Antolisei:

> *Nell'ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro … Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della pena.*[8]

L-agir tal-imputat kien il-fattur li wassal għal dan l-incident? Huwa jrid iwieġeb għal dan l-agir tiegħu indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-incident. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut.

F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Charles Louis Stellini kienet il-kawza **unika jew esklussiva** tal-incident.

**KONKLUZZJONIJIET**

Din il-Qorti hi tal-fehma li difficilment jista' jinghad li, jekk l-

[8] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

imputat kien esplora sew it-triq, ma kienx ra l-mutur hiereg. U anke jekk is-sewwieq tal-mutur kien ukoll responsabbli ghall-incident, dik in-negligenza kontributorja ma tezonerax lill-imputat jekk ma tkunx il-kawza <u>unika</u> tas-sinistru[9].

F'dan il-kaz din il-Qorti hi sodisfatta li l-imputat kien in parti responsabbli ghall-incident *de quo*. Li jrid jigi determinat huwa l-grad ta' htija peress illi huwa gie akkuzat kemm b'sewqan perikoluz kif ukoll b'sewqan traskurat.

Issir referenza ghall-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), dik il-Qorti qalet:

> **"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk**

[9] **Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Rev. Carmelo Mifsud,** 5 ta' Settembru 1953 **(Vol. XXXVII.iv.1131); Il-Pulizija v. Paul Vassallo, 2 ta** Ottubru **1954 (Vol. XXXVIII.iv.883); Il-Pulizija v. Joseph Muscat, 10 ta' Gunju 1994 (Vol. LXXVIII.v.267); Il-Pulizija v. Stephen Zammit, 10 ta' Lulju 2002; Il-Pulizija v. Noel Gauci, 25 ta' Marzu 2004.**

**kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami ghalhekk, is-sewqan tal-

imputat ma jistax jigi deskritt bhala perikoluz peress li m'hemm l-ebda evidenza ta' "*recklessness*" fis-sewqan tieghu. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubju li s-sewqan tieghu ghandu jigi klassifikat bhala sewqan traskurat.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti wara li rat Artikoli 17, 31, 226(1)(a), 328(b), 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 127(1) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u dan ghaliex m'hemm l-ebda prova li l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu b'xi veloċità ogħla minn dik awtorizzata mil-liġi fil-lokal fejn seħħ l-inċident u issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) imputazzjonijiet ghal sewqan traskurat u tar-raba' (4) imputazzjoni u tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) u tiskwalifikah mil-licenzja tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**